ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 3**

IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

3A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

L-eżaminatur jagħżel biċċa mis-silta u jistieden lill-istudent/a j/taqraha.

Is-silta: Raħal modern

Wara ħafna snin imsiefer, Sidor qatagħha li jerġa' jmur jara 'l art twelidu – l-art li għalih kienet 'il bogħod daqskemm kienet f'qalbu. Kien iħobbha għax kienet biċċa minn tfulitu, mill-ħajja tal-imgħoddi li taret bħal ħolma.

Għalhekk Sidor xħin rifes l-art mill-ajruplan ħassu bniedem ieħor. Sab jistennewh lil niesu li laqgħuh u ferħu bih tgħidx kemm u hu kien qisu fis-seba' sema.

Iżda meta mar ir-raħal u beda jara li t-toroq u d-djar ta' dari ma baqgħux li kienu, qalbu ngħafset bid-diqa. U meta fittex ir-razzett fejn twieled u trabba u minfloku ra villa, xtaq jibki jgħajjat biex jisimgħu kulħadd. Min seta' jifhmu meta beda jlissen, "Il-modern qeridli kollox. Il-ħajja mgħaġġla tal-lum u l-ħsejjes tal-magni ma jagħtukx żmien tieqaf u taħseb, tgħammar fil-kwiet, iebes, iva, iżda b'qalbek imfawra bil-hena."

Ma' nżul ix-xemx, dakinhar, irħielha għal għonq it-triq u mexa fit-tul. Meta għeja, daħal ġo mogħdija ħa jara fejn tinfed u ma damx wisq ma lemaħ ġonta raba' b'razzett imdaqqas. Ħasdu mill-ewwel il-leħen tal-bidwi li ħareġ mill-għalqa għall-mogħdija.

Sidor ħares u wara l-bidwi lemaħ żiemel aħmar il-ġmiel tiegħu. B'nostalġija kbira, ir-raġel tas-safar waqaf jitħaddet għal ftit mal-bidwi u qabel ħallieh, dar fuq iż-żiemel u taptaplu tnejn fuq dahru. Iż-żiemel deher qed jieħu gost. Kien jagħrfu ħabib minn għadu.

(silta minn *Stejjer minn tarf ir-raħal* ta' Ġorġ Borg, 1998)

3B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

L-għalliema huma mistennija jistaqsu dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta. Taħt kull mistoqsija jidhru xi tweġibiet ta' gwida għall-għalliema iżda aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.

1. Minn dak li qrajt, x'inhi l-impressjoni tiegħek fuq it-titlu tat-test: Raħal modern?

Li dan ir-raħal kien wieħed kwiet u qadim sakemm wasal il-progress u l-iżvilupp. Illum dan ir-raħal inbidel u sar modern imma tilef ħafna kwalitajiet sbieħ li kellu qabel fosthom in-natura u l-ħajja sempliċi u kwieta.

2. Minn dak li qrajt, x'inhuma l-impressjonijiet tiegħek fuq il-karattru ta' Sidor?

Jidher li Sidor kien bniedem li ilu msiefer u ma stenniex li se jsib il-bidla kbira li sab fir-raħal. U ma tantx għoġbitu għax hu xtaq li jerġa' jgħix għall-kwiet bħalma kien jagħmel meta kien għadu tfajjel. Jidher li jħobb aktar il-kwiet u n-natura u ma tantx jogħġbu l-progress li qeridlu dak kollu li kien jgħożż fl-imgħoddi.

3. Tkellem dwar ir-rabta li hemm bejn Sidor u r-raħal kif tidher mis-silta.

Tilef kollox illum: ir-razzett fejn trabba ma baqax jeżisti; il-ħajja tar-raħal ma baqgħetx kwieta imma mgħaġġla li lil Sidor ma kinitx togħġbu; l-istorbju ta' madwarna kien idejqu u ma kienx iħallih kwiet.

4. X'messaġġ ried iwassal l-awtur dwar il-ħajja tal-lum?

Li minkejja li għandna ħafna kumditajiet u progress, tlifna ħafna wkoll: il-kwiet inbidel fi storbju, is-sempliċi sar ikkomplikat, l-għelieqi nbnew u nqerdet il-kampanja.

5. X'tilmaħ speċjali bejn Sidor u l-bidwi?

Sidor u l-bidwi (u ż-żiemel) kienu dawk li fadal mill-ħajja ta' qabel; donnhom iltaqgħu u indunaw li ftit kien għad fadal bħalhom fir-raħal u allura ferħu b'xulxin u apprezzaw aktar lil xulxin.

3Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

L-annimali: ħbieb kbar tal-bniedem

L-għalliema huma mistennija jistiednu lill-istudenti jagħmlu taħdita fuq is-suġġett. Jistgħu jintużaw dawn il-punti biex jgħinu l-istudenti fl-iżvilupp tat-taħdita.

- *Kif l-annimali jistgħu jkunu ħbieb tal-bniedem?*
- *Taħseb li hemm xi annimali li huma perikoluži għall-bniedem? Liema huma u għaliex tarahom hekk?*
- *Taħseb li l-bniedem jista' jkun ta' periklu għall-annimali? Kif?*